

Brussell, 23 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6234/22

LIMITE

JAI 230
SCHENGEN 21
FRONT 65
MIGR 48
COSI 55
SAN 111
COMIX 74

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Governanza politika ta' Schengen

Fil-laqgħa informali tal-ministri għall-affarijiet interni tat-3 ta' Frar f'Lille, il-proposta tal-Presidenza biex jiġi stabbilit "Kunsill ta' Schengen" irċeviet appoġġ wiesa'. Dan il-Kunsill ta' Schengen ser irawwem il-fiduċja bejn l-Istati Membri taż-żona Schengen. Il-modalitajiet għal governanza politika u operazzjonali aktar strutturata ġew iċċarati fil-laqgħa tal-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Ażil (SCIFA) fis-16 ta' Frar. B'kont meħud tas-suġġerimenti magħmula mill-Istati Membri, il-Presidenza tistieden lill-ministri biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-punti li ġejjin.

Kunsill ta' Schengen

Kif maqbul mill-ministri f'Lille, huwa aktar minn qatt qabel meħtieġ li tiġi artikulata aħjar it-tmexxija politika taż-żona Schengen u l-livell operazzjonali. Biex dan isir, il-Kunsill Affarijiet Barranin fil-konfigurazzjoni tal-Kumitat Imħallat jista' jevolvi biex jipprovdi l-qafas istituzzjonali tal-Kunsill ta' Schengen.

Il-Kunsill ta' Schengen huwa għalhekk maħsub biex ikun l-aktar forum rilevanti għal skambji ta' fehmiet tant meħtieġa fil-livell politiku dwar ir-riformi li għaddejjin u dwar l-aktar aspetti operazzjonali strateġiċi.

Il-Presidenza tipproponi li l-Kunsill ta' Schengen jitlaqqa' fl-okkażjoni ta' kull laqgħa tal-Kunsill ĠAI u, jekk meħtieġ, f'każ ta' kriżi.

Id-diskussjonijiet ikunu organizzati b'tali mod li:

- jiddiskutu d-direzzjoni politika ġenerali għaż-żona Schengen;
- jeżaminaw is-sitwazzjoni fiż-żona Schengen, abbażi ta' tabella ta' valutazzjoni ("barometru") - ara hawn taħt;
- jimmobilizzaw l-istrumenti rilevanti u jiddefinixxu r-rispons għall-kriżijiet li jaffettwaw iż-żona Schengen;
- jiddiskutu d-diffikultajiet sistemiċi li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri, kif identifikati partikolarment matul l-evalwazzjonijiet ta' Schengen, u jeżaminaw il-mezzi li għandhom jintużaw biex jindirizzawhom;
- jiskambjaw dwar l-aħjar prattiki;
- jistabbilixxu l-linji gwida għall-azzjoni tal-Frontex mill-inqas darba fis-sena.

Barra minn hekk, il-ministri, abbażi ta' rapport tal-Kummissjoni u tabella ta' valutazzjoni aktar dettaljata, ser jeżaminaw fil-fond l-istat ta' Schengen fuq bażi annwali.

Ħolqien ta' tabella ta' valutazzjoni ("barometru") tas-sitwazzjoni fiż-żona Schengen

Sal-lum, ma hemm l-ebda indikaturi leġġibbli u unifikati li jipprovdu ħarsa ġenerali komprensiva tas-sitwazzjoni fiż-żona Schengen.

L-iżvilupp ta' tabella ta' valutazzjoni simplifikata ("barometru") ser jipprovdi lill-ministri b'ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni fiż-żona Schengen"). Id-diversi aspetti ta' dan il-"barometru" ġew diskussi fil-laqgħa ministerjali informali tal-ĠAI fit-3 ta' Frar u fil-laqgħa tas-SCIFA fis-16 ta' Frar. Ġie propost li jiġu inklużi ħames oqsma, li għalihom jikkorrispondu diversi indikaturi mill-aġenziji Ewropej rilevanti (Frontex, EUAA, Europol, EU-LISA) u mill-Kummissjoni:

- is-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni;
- is-sitwazzjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni Ewropea;
- is-sigurtà interna;
- riskji għas-saħħa;
- is-sitwazzjoni fil-fruntieri interni.

Il-kwistjonijiet identifikati jiffurmaw il-bażi għal diskussjonijiet fil-Kunsill ta' Schengen. It-tabella ta' valutazzjoni hija mfassla bħala għodda ta' informazzjoni għall-ministri. Hija maħsuba biex tippromwovi skambji fuq il-bażi ta' sejbiet oġġettivi u komuni.

Il-Kummissjoni Ewropea ser tippreżenta l-ewwel "barometru" fil-laqgħa tat-3 ta' Marzu. Il-"barometru" ser ikompli jkun għodda dinamika għall-iżvilupp li għalih l-Istati Membri ser ikunu jistgħu jikkontribwixxu u li sussegwentement jista' jevolvi.

Huwa previst li l-"barometru" ta' Schengen jiġi ppreżentat tliet darbiet fis-sena. Ser jintbagħat fi żmien xieraq biex jippermetti t-tnejn xierqa ta' skambji fi ħdan il-Kunsill ta' Schengen (l-għan ser ikun li jiġi trazzmess lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati mill-inqas ġimagħtejn qabel il-laqgħa tal-Kunsill ta' Schengen). Fid-dawl tal-kontenut tagħha, il-Presidenza ser tippreżenta nota qasira lill-COREPER sabiex tidentifika s-suġġetti speċifiċi li fuqhom tista' tiffoka d-diskussjoni tal-ministri. Il-barometru għandu jiġi anness ma' din in-nota.

Matul il-Kunsill ta' Schengen, il-Kummissjoni ser tirrapporta lill-ministri dwar l-istat ta' Schengen, li għandu jippermetti lill-Kunsill ta' Schengen jidentifika l-linji gwida politiċi u d-deċiżjonijiet possibbli meħtieġa għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen.

Barra minn hekk, ir-rapport annwali tal-Kummissjoni, li huwa dokument aktar komprensiv u li ser ikun akkumpanjat minn tabella ta' valutazzjoni, ser jippreżenta stampa attwali aktar dettaljata tal-funzjonament taż-żona Schengen u ser jikkontribwixxi wkoll għad-diskussjonijiet annwali tal-ministri.

Koordinatur ta' Schengen

Il-permanenza u r-rispons tal-arranġamenti tal-Kunsill ta' Schengen huma fundamentali. Biex dan jiġi żgurat, possibbiltà waħda tkun li tiġi stabbilita l-kariga ta' "koordinatur ta' Schengen", appoġġata minn tim ta' koordinazzjoni fil-livell operazzjonali u tekniku. Fl-interess tal-kontinwità, ir-rwol tiegħu, filwaqt li jibni fuq il-kapaċitajiet eżistenti, ikun li jikkontribwixxi għat-tħejjija ta' dokumenti għall-Kunsill ta' Schengen u li jikkontribwixxi għas-segwitu ta' miżuri u azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-Kunsill ta' Schengen. Ikollu wkoll rwol kruċjali f'każ ta' kriżi fil-fruntieri esterni, sabiex jiġi żgurat rispons Ewropew proporzjonat u xieraq fil-livelli kollha.

Wara diskussjonijiet preċedenti, qed jiġi propost li l-mekkaniżmu jiġi organizzat kif ġej:

- bħal fil-konfigurazzjonijiet kollha tal-Kunsill, it-tħejjijiet għall-Kunsill ta' Schengen ser jitwettqu mil-laqgħa tal-COREPER fil-konfigurazzjoni ta' Kumitat Imħallat;
- "koordinatur ta' Schengen" fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni ser ikun responsabbli għat-tħejjija regolari tal-barometru u ser jikkontribwixxi għas-segwitu tal-azzjonijiet fil-livell Ewropew deċiżi fil-laqgħat tal-Kunsill ta' Schengen;
- il-koordinatur ser jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għat-tħejjija u s-segwitu adatti tal-laqgħat tal-Kunsill ta' Schengen.

Pjattaforma ta' solidarjetà f'każ ta' kriżi fil-fruntiera esterna

Is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza fil-fruntieri qed isiru dejjem aktar frekwenti u jikkombinaw sfidi differenti relatati mal-migrazzjoni, is-sigurtà jew il-protezzjoni ċivili. L-Istati Membri jistgħu jiddependu fuq il-Frontex, l-aġenzija konġunta responsabbli għall-ġestjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fil-fruntieri biex niproteġu l-fruntieri tagħna. B'mod partikolari, l-aġenzija għandha mekkaniżmu b'saħħtu għal intervent rapidu fil-fruntieri esterni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, li jeħtieġ li jkun reattiv u użat bis-siġħ mill-Istati Membri. Huwa l-istrument ċentrali tas-solidarjetà Ewropea f'każ ta' diffikultajiet fil-fruntiera esterna tagħna.

F's-sitwazzjonijiet bħal dawn, jista' jkun meħtieġ ukoll li tiġi mobilizzata firxa usa' ta' strumenti, li jistgħu jiġu pprovduti mill-Frontex iżda jistgħu jinvolvu wkoll għodod oħra tal-Unjoni Ewropea jew mezzi disponibbli għall-Istati Membri. F'dan il-kuntest, il-Presidenza tqis li huwa importanti li jissaħħu l-arranġamenti Ewropej li jiżguraw il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet ta' appoġġ sabiex jiġu mobilizzati r-riżorsi disponibbli. Għalhekk qed jiġi propost li tinholq pjattaforma ta' solidarjetà li, f'każ ta' kriżi fil-fruntiera esterna tal-Unjoni Ewropea:

- tikkoordina offerti ta' appoġġ bi tweġiba għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri;
- tiżgura l-komplementarjetà bejn ir-riżorsi mobilizzati fil-livell Ewropew (Frontex, EUAA, MPCU) u l-kontribuzzjonijiet diretti mill-Istati Membri;
- tħeġġeġ l-istabbiliment tar-riżorsi pprovduti bilateralmment mill-Istati Membri, pereżempju, fir-rigward tas-sigurtà interna, appoġġ ibbażat fuq l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni "Prum" 2008/615/JAI

B'segwitu għad-diskussjonijiet dwar dan is-suġġett, il-Presidenza indikat li din il-pjattaforma ma kinitx tikkostitwixxi struttura legali addizzjonali. Din tibni fuq strutturi eżistenti, bħall-IPCR, għal koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-appoġġ Ewropew u bilaterali. B'hekk tiżgura l-koerenza u l-kontinwità tal-iskemi ta' appoġġ proposti mill-aġenziji u l-Istati Membri .